KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 0706

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 36 tal-24 ta' Ottubu 2022 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________
Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**8. UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN – PUBBLIKAZZJONIJIET**

**L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD jistaqsi lill-Ispeaker:** B'referenza għar-rapport tal-Ombudsman msejjaħ Ombudsplan 2023 mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fis-seduta 27 tat-3 ta' Ottubru 2022, jista' l-Ispeaker jinforma lill-Kamra jekk dan ir-rapport kienx stampat fl-Istamperija tal-Gvern?

F'każ illi ma kienx stampat fl-Istamperija tal-Gvern kif mitlub fiċ-ċirkularijiet OPM 5/95 u 39/38, jista' l-Ispeaker jgħid fejn kien stampat dan ir-rapport u jekk il-procurement għall-istampar sarx permezz ta' direct order jew tender?

Jista' l-Ispeaker jgħid jekk hijiex il-prassi tal-Uffiċċju tal-Ombudsman illi ma jużax l-Istamperija tal-Gvern, u jekk inhu hekk meta kienet l-aħħar darba li l-Uffiċċju tal-Ombudsman għamel użu mill-Istamperija tal-Gvern?

F'dan il-perjodu li ma użax l-Istamperija tal-Gvern, jista' l-Ispeaker jgħid liema stamperiji uża dan l-Uffiċċju, kemm kien l-ammont li ntefaq kull sena, u jekk dan il-procurement sarx permezz ta' tender jew direct order?

19.10.2022

**SPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi r-rapport tal-Ombudsman imsejjaħ Ombudsplan 2023 ġie stampat għand Poultons Ltd ta' 19B, Bulebel Industrial Estste, iż-Żejtun wara li ntlabu tliet quotations kif isir kull meta l-Uffiċċju tal-Ombudsman ikun jeħtieġ servizzi ta' stampar. L-Ombudsplan jiġi stampat fi kwantitajiet żgħar – mija u ħamsin kopja (150) li swew tliet mija, sebgħa u tmenin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€387.21). Id-disinn u x-xogħol kollu relatat ma' din il-pubblikazzjoni sar kollu in-house u allura ma kienx hemm aktar spejjeż.

Billi l-kwantità ta' kopji li jiġi stampat huwa ġeneralment żgħir u marbuta ma' deadlines, il-prassi hija li jintalbu tliet quotations mingħand stamperiji privati. Id-deċiżjoni mingħand min isir ix-xogħol tkun ibbażata fuq l-orħos offerta. F'dan ir-rigward l-Ombudsman jagħżel li jsegwi l-prattiċi approvati mir-regolamenti finanzjarji u l-infiq għall-istampar ikunu soġġetti għall-awditjar ta' kull sena li jsir mill-Awditur Ġenerali kif ipprovdut fl-Artikolu 11 tal-Att dwar l-Ombudsman[1]. Sal-lum ta' kull sena ġew approvati.

L-indipendenza u l-awtonomija tal-Istituzzjoni timponi prudenza fil-mod kif u fejn jiġu stampati dokumenti tal-Uffiċċju tal-Ombudsman. Iċ-ċirkularijiet OPM 5/95 u 39/98 huma indirizzati lejn il-kapijiet tad-dipartimenti tas-servizz pubbliku. L-Uffiċċju tal-Ombudsman mhux wieħed minn dawn id-dipartimenti. B'danakollu l-informazzjoni mitluba dwar l-infiq ta' kull sena fuq stampar qed tiġi miġbura u tingħata appena tkun kompilata.

[1] Artikolu 11 – Att dwar l-Ombudsman – "Il-kontijiet tal-uffiċċju tal-Ombudsman għandhom jiġu verifikati mill-Awditur Ġenerali u għal dan għandu japplika l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika."

KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 0783

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 44 tas-7 ta' Novembru 2022 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________
Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

OMBUDSMAN

MALTA

**OMB/1/8/2**

7 ta' Novembru 2022

L-Onor. A Farrugia
President tal-Kamra tad-Deputati
Kamra tad-Deputati
Pjazza Ħelsien
Il-Belt Valletta

Onorevoli Speaker

Nirreferi għall-*email* tal-iSkrivan tal-Kamra tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar mistoqsijiet li l-Onor *Speaker* irċieva mingħand l-Onor Glenn Beddingfield u s-segwenti ittra tiegħi datata 24 ta' Ottubru 2022.

Qiegħed nibgħatlek, annessa ma' din l-ittra lista dwar l-infiq ta' kull sena fuq stampar li sar mill-Uffiċċju tiegħi għal dawn l-aħħar ħames snin.

Inselli għalik

Anthony C Mifsud
Ombudsman

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Email: office@ombudsman.org.mt

| | | | |
|---|---|---|---|
| 01/01/2018 | Poultons Ltd | Stationery printing (envelopes) | 604 |
| 01/01/2018 | Print-it | Stationery (file covers) | 599 |
| 16/01/2018 | Print-it | Business Cards | 82 |
| 09/04/2018 | Poultons Ltd | Case Notes | 814 |
| 05/06/2018 | Print-it | Annual Report | 1,313 |
| 01/10/2018 | Print-it | Ombudsman Flyers | 205 |
| 08/10/2018 | Poultons Ltd | Ombudsplan | 593 |
| 29/11/2018 | Poultons Ltd | State of the Environment Report | 863 |
| | | | **5,072** |
| | | | |
| 14/02/2019 | Poultons Ltd | Stationery printing | 746 |
| 17/04/2019 | Progress Press | Case Notes | 549 |
| 04/07/2019 | Poultons Ltd | Annual report | 1,237 |
| 04/07/2019 | Print-it | Stationery (file covers) | 336 |
| 07/10/2019 | Poultons Ltd | Ombudsplan | 587 |
| 16/12/2019 | Print-it | Stationery (letterheads) & Business cards | 161 |
| | | | **3,615** |
| | | | |
| 27/01/2020 | Print-it | Stationery (File Covers) | 630 |
| 06/02/2020 | Poultons Ltd | Stationery printing (letterheads) | 720 |
| 18/05/2020 | Progress Press | Case Notes | 94 |
| 03/06/2020 | Poultons Ltd | Annual Report | 1,288 |
| 11/09/2020 | Poultons Ltd | Ombudsplan | 334 |
| 24/11/2020 | Print-it | 25th Aniversary publication | 2,147 |
| | | | **5,213** |
| | | | |
| 05/03/2021 | Print-it | Stationery (letter heads) | 152 |
| 18/03/2021 | Poultons Ltd | Case Notes | 719 |
| 26/03/2021 | Print-it | Case Notes | 625 |
| 19/07/2021 | Poultons Ltd | Annual Report | 1,155 |
| 10/09/2021 | Poultons Ltd | Education Commissioner business cards | 81 |
| 15/09/2021 | Poultons Ltd | Ombudsplan | 435 |
| 20/10/2021 | Print-it | Ombudsman Flyers | 404 |
| 17/12/2021 | Progress Press | Greeting cards | 150 |
| | | | **3,722** |
| | | | |
| 01/06/2022 | Poultons Ltd | Annual Report | 879 |
| 05/07/2022 | Poultons Ltd | Purchase Order booklets | 434 |
| 27/07/2022 | Print-it | File folders | 1,470 |
| 04/08/2022 | Poultons Ltd | Stationery printing (letter heads) | 810 |
| 05/09/2022 | Poultons Ltd | Stationery printing (envelopes) | 888 |
| 29/09/2022 | Poultons Ltd | Business cards | 61 |
| 29/09/2022 | Poultons Ltd | Ombudsplan | 387 |
| | | | **4,930** |